Kunsill Lokali Marsaskala
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : **30** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **l-Erbgħa 18 ta' Frar 2015 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Kunsilliera | Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur John B Camilleri<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sinjorina Desiree' Attard<br>Is-Sur Lawrence Ciantar |
| Skużat | Is-Sur David Massa (Ambaxxatru Kunsill taż-Żagħżagħ) |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skrivana | Is-Sinjorina Chantel Zammit |

***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 29.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għas-sena 2014.
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
9. Aġġornament

Mayor
Mario Calleja

Vice Mayor
Desiree` Attard

Councillors
John Baptist Camilleri
Charlot Mifsud
Charlot Cassar
Elisabeth Cassar
Lawrence Ciantar
Daniel Spiteri
Sandro Gatt

Executive Secretary
Josef Grech

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 28(1) tal-24 ta' Novembru 2014:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ġibed l-attenzjoni fuq paġna 7 punt #3.12 it-tieni paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li ma jistax jifhem kif il-mobile unit qed toqgħod titmexxa min-naħa għal-oħra u staqsa lis-Sindku jekk għandux il-permessi neċessarji biex jitqiegħed fi Ġnien Sant'Anna."*

1.1.3 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ġibed l-attenzjoni illi paġna 6 artiklu 3.11 l-aħħar paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-parti tal-ġenb fejn kien hemm barrieru tneħħiet hija mogħdija l-isports complex. Il-parti ta' quddiem huwa pubbliku".*

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u s-Sur Sandro Gatt ssekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet***

***Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 **Laqgħa Nru 29(1) tal-20 ta' Jannar 2015:**

2.1.1 Is-Sindku qal rigward paġna 7 punt #3.15 qal illi jekk il-magazin joħroġ kull 6 xhur ser ikun hemm distakk kbir ta' zmien u r-residenti mhux ser ikunu infurmati biżżejjed rigward attivitajiet ġewwa l-lokal.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jaqbel mas-Sindku.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard qalet illi kien ġie deċiż illi jiġu pprintjati żewġ magazines fis-sena, u żewġ magazines oħra jkunu online u mhux printjati.

Is-Sindku qal illi wieħed irid jifhem illi mhux kulħadd għandu l-aċċess tal-internet speċjalment l-anzjani.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi daqt wasal biex jiskadi t-tender u b'hekk ma nafux jekk ir-rata tat-tender il-ġdid hux ser tkun għola.

Is-Sindku qal illi s-sena l-oħra saru 18-il attivita` u permezz tal-magazine r-residenti kienu dejjem infurmati.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li jinħlew ħafna magazines speċjalment fis-sajf.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hawn ħafna blokkok tal-appartamenti li ma joqgħod ħadd fihom u dawk li jqassmu l-magazin ingħataw struzzjonijiet sabiex jimxu magħhom fosthom li ma jimpustawx magazines fejn jaraw letter box mimlija posta.

Is-Sindku ssuġerixxa jekk hux aħjar li kieku nibdew nużaw is-servizz tal-posta.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-ispiża hija għolja immens.

Is-Sindku qal illi tajjeb nipprovaw nistaqsu lill-Kappillan peress illi hu jqassam il-fuljett flimkien permezz tal-voluntiera u naraw jekk ikunx jistgħa jqassam ukoll il-magazine tal-Kunsill flimkien mall-fuljett u jingħata donazzjoni.

Kien hemm qbil unanimu li l-magazin jibda jiġi ippublikat tlett darbiet fis-sena f'Marzu,Lulju u Novembru.

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa rigward paġna 6 artiklu #3.7 fejn il-Kunsill irrifjuta l-proposta ta' food waste Wednesdays u staqsa kif il-Kunsill wasal għal deċizzjoni li ma jaqbilx *ma din il-proposta peres illi hu ma kienx preżenti fil-laqgħa preċedenti.*

Is-Sindku qal illi l-Kunsill ħass illi ġbir ta skart organiku darba fil-ġimgħa huwa ftit wisq.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi din kienet ser tkun proġett pilota għal dawn il-Kunsilli illi jaċċettaw qabel ma tiġi implimentata fuq skala nazzjonali għaliex l-iskart organiku irid jibda jinġabar darba fil-ġimgħa.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard qalet illi l-Kunsill ma fehmx illi din kienet xi ħaġa li eventwalment ser *tiġi implimentata fuq skala nazzjonali.*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi tajjeb nibdew nedukaw lin-nies.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill ma kienx konsapevoli illi din ser tiġi implimentata fuq skala nazzjonali.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi bħala pajjiż membru fil-EU aħna għandna direttiva sabiex inaqqsu l-iskart u mhux inżiduh.

Ġie deċis li għalissa ma nissieħbux f'din l-iskema.

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa rigward paġna 5 artiklu #3.2 u staqsa jekk dan il-kuntrattur E Mifsud & Sons għadux għaddej bix-xogħol.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi t-tender ħarġet pero bħalissa x-xogħol li jkun hemm bżonn li jsir qed isir min naħa tal-Kuntrattur għall-bankini Crossroads.

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa rigward paġna 5 artiklu #3.3 jekk jistgħux ipoġġu l-ħwejjeġ *użati ġewwa it-training* centre.

Is-Segretarju qal li bħal ma ġie diskuss diġa ma nistgħux naċċettaw li jitpoġġew fit-training centre, izda s-Sindku spjgea lis-Sur Vince Tonna sab post alternattiv.

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa rigward paġna 7 artiklu #3.13 u staqsa kem ser jiġi jiswa l-pageant.

Is-Sindku qal illi ser jibqa bħas-sena l-oħra, b'differenza illi ser nipprovdu akkomodazzjoni għal sitt Għawdxin ġewwa Malta pero il-kwotazzjoni hija dik ta madwar €2500 imbagħad nordnaw xi ftajjar għal wara il-pageant.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi għalih dak l-ammont sabiex issir pageant huwa għoli u aħjar kieku jsir xogħol fit-toroq.

Is-Sindku qalu illi hekk isir anke f'Lokalitajiet oħra.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi f'lokalitajiet oħra il-pageant issir min naħa tal-Kappillan.

Is-Sindku qal illi l-Kapillan ma jistgħax jagħmilha hu u apparti min hekk din is-sena ma sarx Karnival ġewwa l-Lokalita` tagħna allura dawk il-flus nistgħu nuzawhom għal pageant.

Is-Sindku qal illi din hija xi ħaġa Kulturali u t-toroq xorta waħda qiegħdin isiru, kompla jgħid li jħoss li għandna x-xorti li ser ikollna din il-pageant fil-Lokalita' tagħna għaliex normalment din issir ġewwa l-Imqabba imma għal din is-sena ser issir fil-Lokalita' tagħna.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din is-sena ma nistgħux nagħmlu Iljieli Skalin għaliex irridu noqgħodu attenti għal finanzi kif ser jinnotaw fir-rapport finanzjarju li ser jiġi pprezentat aktar il-quddiem.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jixtieq li jkun hemm aktar konkorenza għal attivita' bħal pageant.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fl-opinjoni tiegħu għandu jkun hemm budget izgħar pero għandha tiġi diskussa minn qabel għaliex issa diġa hemm commitment. Kompla jgħid illi hemm ħafna toroq li għandhom bżonn li jiġu irranġati fosthom Triq is-Salvja, Triq San Ġwakkin u Triq is-Sallur u l-flus għandna bżonnhom għalhekk.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb illi l-Kunsill għandu jibda jiltaqa min ~~qabel sabiex jagħmel~~ brain storming fuq l-attivitajiet illi jkunu ser isiru.
u wara issir

2.1.6 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk kelniex risposta rigward artiklu #7.7 f'paġna 5 rigward il-possibilita' li jintuaw fondi tal-UIF biex tittranġa l-lattrina.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi huwa possibli illi l-latrini jistgħu jsiru bil-fondi tal-UIF għaliex diġa kien sar proġett simili fil-lattrina ta' San Tumas fil-passat.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk nistgħux napplikaw għal latrina ta ħdejn l-eks Jerma Hotel.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li possibli pero bħalissa l-problema li għandna hija minħabba l-fatt li t-tender tal-Perit għada ma nqatatx peress li qeda fuq appell allura ma nistgħux napplikaw għalissa.

Sar qbil unanimu illi kif il-Kunsill ikollu Perit napplikaw għar-refurbishment fil-latrina ta' ħdejn l-eks Jerma Hotel.

2.1.7 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi rigward artiklu #3.5 *paġna 6 rigward il-klejm dwar l-inċident li seħħ fil-Pjazza Mifsud Bonniċi.*

Is-Segretarju Eekuttiv qallu illi ser niddiskutuha iktar tard fil-komunikazzjoni mis-Sindku.

2.1.8 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa rigward paġna 7 artiklu #3.12 jekk filkaz illi jerġa jkun hemm problemi rigward il-mobile unit tal-għassa tal-Pulizija tistax terġa tibda tintuża l-għassa antika ġewwa ir-Ridott.

Is-Sindku qal illi r-Ridott għadu taħt idejn il-Pulizija pero din mhijiex xi ħaġa tal-Kunsill u l-Kummissarju aċċertah illi issa hemm l-applikazzjonijiet kollha neċessarji u m'għandux ikun hemm problemi bil-mobile unit fi Ġnien Sant'Anna.

2.1.9 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa rigward paġna 5 artiklu #3.4 f'liema taraġ ser issir l-istair lift liema fondi ser jinkisbu mill-UIF.

Is-Segretarju Eekuttiv qal illi hu ma jistax japplika sabiex isir stairlift għat-taraġġ li jagħti għal ġor-restaurant imma għat-taraġ li jagħti għax-xatt għax dan l-istairlift ma jistax isir bil-fondi tal-UIF għal skopijiet privati.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu ma jaqbilx li jsir stairlift dirett ġor-restaurant għax b'hekk tkun qed tqajjem preċedent għal każini u ħwienet oħra.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb li l-ewwel naraw jekk dan l-istair lift huwiex magħmul għal ~~fuq~~ barra.

Sar qbil unanimu illi niċekkjaw jekk l-istair lift huwiex tajjeb għal fuq barra u fil-kaz li jkun tajjeb dan għandu jsir fit-taraġ li jagħti għal bajja u mhux għal ġor-restaurant.

➢ ***Intalbet sospenzjoni tar-regolamenti***

5.0 ***<u>Approvazzzjoni tal-Financial Statements għas-sena finanzjarja:</u>***

L-Accountat tal-Kunsill is-Sinjura Doreen Mintoff bdiet tispjega rapport finanzjarju għas-sena 2014.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi skond ir-rapport finanzjarju jidher illi hemm deficit ta €111,662.00 pero xtaq ikun jaf kemm hemm minnhom li għandhom x'jaqsmu mal-kontijiet tal-Wasteserv u dan peress li l-Kunsill iħallas biss l-ommijiet li jalloka l-Gvern Ċentrali fil-budget izda l-invoices mibgħuta mil-Wasteserv ikunu ħafna iktar.

Ic-Ceo tal-Wasteserv is-Sur Montebello li kien preżenti għal laqgħa spjega kif inhi s-sistema tal-invoicing tagħhom u qal illi kienet saret formola mill-NSO sabiex jiġi kkalkulat il-fondi li jingħataw lill-Kunsilli fuq il-Wasteserv pero issa din inbiddlet u l-Kunsilli qed jiġu invoicjati fuq l-piz ta' l-iskart attwali ta' kull Lokalita' li jidħol fl-impjant.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hemm mnizzel li f'Marsaskala hawn 9,000 ruħ jgħixu meta fil-verita hawn ħafna aktar u dik tintervjeni fuq kemm skart għandu jiġi iġġenerat.

Is-Sur Montebello qallu li dik kienet tgħodd għal kif kienu jinħadmu qabel.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa lill-Accountant kemm hu l-actual deficit.

L-accountant is-Sinjura Mintoff qalet li deficit attwali għas-sena 2014 hu ta' €38,000 għaliex id-differenza hija fil-kontijiet tal-Wasteserv imma ovvjament il-Kunsill għandu bżejjed fondi biex tħallas dan id-deficit.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk dawn l-aħħar erba snin għalaqnijhomx dejjem b'deficit.

Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb illi f'dawn l-aħħar tlett snin dejjem infaqna aktar milli daħħalna u għalhekk il-Kunsill irid ikun kawt fl-infiq biex jibni l-uffiċini amministrattivi l-ġodda.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju għas-sena 2014 u l-Kunsillier s-Sur Lawrence Ciantar ssekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet.***

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Applikazzjoni mill-Wasteserv (35/0693/15/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv beda billi qal illi s-Sur Montebello c-CEO tal-Wasteserv qiegħed preżenti fil-laqgħa sabiex jispjega aħjar rigward din l-applikazzjoni.

Is-Sur Montebello qal illi l-applikazzjoni hija sabiex jiġi imġedded il-permess tal-operat tal-Wasteserv u għalhekk hemm bżonn ta' approvazzjoni mill-Kunsill qabel ikun jista jseħħ dan. Hu kompla jgħid illi l-operat tal-impjant ser jibqa kif inhuwa fil-preżent. Is-Sur Montebello qal illi fil-preżent żdiedu l-maintenance teams kif ukoll qed jaħdmu sabiex tiġi implimentata l-borża organika.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qallu illi l-Kunsill kien għadu kif beda jiddiskuti fuqha u xtaq ikun jaf aktar.

Is-Sur Montebello qal illi ser jibda proġett pilota bejn erba` lokalitajiet li Marsaskala mhiex waħda minnhom minħabba l-fattur tat-turizmu, fejn ser jibda jinġabar food waste darba fil-ġimgħa min dawn il-Lokalitajiet. Kompla jgħid illi l-ideja hi li niġġeneraw dan l-iskart organiku għaliex huwa sors ta' enerġija u apparti minn hekk ġewwa Malta l-landfill fadlila biss tlett snin sakemm tintela għalhekk iridu nibdew nippreparaw għal alternattiv` oħra u għalhekk din l-*inizjattiva hija ferm importanti. Hu qal illi jekk in-nies jibdew jisseparaw l-iskart organiku* ukoll, il-borza s-sewda ser ikollha ftit skart.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard staqsiet meta dan il-pilot project eventwalment ser jiġi implimentat fuq bazi nazzjonali.

Is-Sur Montebello qal illi l-għan ewlieni bħalissa huwa li min din is-sena nibdew bil-pilot project u naraw kif ser jafettwana għaliex hemm ħafna fatturi li wieħed irid jara.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa lis-Sur Montebello jekk l-MEPA kelliex xi ilmenti rigward il-Wasteserv.

Is-Sur Montebello qal illi kemm il-darba l-MEPA ġiet tinvestiga lill-Wasteserv u fost l-affarijiet illi talbitna illi nbiddlu kienu rigward irwejjaħ li huma immedjatament raw kif irranġaw il-problema kemm setgħu.

Is-Sur Montebello qal li hemm ir-rekords imnizzlin fuq il-website online rigward il-moniteraġġ tal-arja *sabiex l-informazzjoni tasal għand kulħadd.*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk il-Kunsill għadux jirċievi ilmenti ta' rwejjaħ.

Is-Sindku kif ukoll is-Segretarju Eekuttiv qalu li bħalissa l-ilmenti naqqsu ħafna.

Is-Sur Montebello qal ukoll illi ġiet imbattla l-ġibja ta taħt il-compost shed għaliex kien inġema ħafna ħmieġ fiha, u għalkemm ġiet tiswa ħafna flus sabiex din tnadfet.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt staqsa jekk il-MEPA jidħlux fil-monitoring tal-arja.

Is-Sur Montebello qal illi meta jiġu l-MEPA ħafna drabi jaraw li ma jkunx hemm affarijiet li huma illegali bħal perezempju tyres, bibien li ma jinalqgħux kif suppost etc. Wieġeb ukoll li l-MEPA tissorvelja wkoll ir-riultati tal-arja.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi skond l-ittra li ġiet mibgħuta lilna mingħand is-Sur Jonathan Henwood hawn imniżżel illi l-Kunsill huwa mistieden sabiex ikun prezenti fl-uffiċini tal-Wasteserv għal laqgħa li ser issir fil- 5 ta' Marzu fit-3:00pm.

Il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-permess sottomess min-naħa tal-Wasteserv.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għal laqgħa fis-7:31pm.***

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ħareġ mil-laqgħa fis-7:31pm.***

3.2 **Klejm min-naħa ta Evelyn Scicluna rigward inċident li kellha fil-bandli. Risposta mingħand l-avukat tagħha (35/0641/15/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi l-ittra mibgħuta lilna hija ittra legali min naħa tal-Avukata tas-Sinjura Scicluna.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi dan il-kaz sar wara li l-Malta Standards Authority spezzjonat il-bandli ta Pjazza Mifsud Bonniċi u tat marka A li hija l-aħjar marka li wieħed jista jottjeni.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hu tkellem ma l-Avukata tagħna u qalila illi l-insurance tagħna talbet sabiex l-Avukata tagħna tibgħat ittra direttament lilhom pero l-Avukata tagħna bgħatet ittra lill-Avukat tas-Sinjura Scicluna u issa irċivejna lura illi l-istima totali illi qedgħin jitolbuna nħallsu hija dik ta' €2753.67 liema somma tista tvarja, kompla jgħid illi min naħa tagħna bgħatna ir-rapport tal-MSA lil insurance tagħna u dawn qed jikkomunikaw mal-insurance ta din is-sinjura.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard staqsiet b'liema mod qed jiġi diskuss dan il-każ u jekk humiex jgħidu illi aħna bħala Kunsill għandna tort f'dan il-każ.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi s'issa għadna ma nafux u irridu nistennew.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm imniżżel li s-Sinjura Scicluna għandha bżonn operazzjoni kosmetika u staqsa kif ser inkunu nafu li din kienet neċessarja illi ssir.

Is-Segretarju Ezekuttiv irrisponda illi l-insurance jieħdu ħsieb li jkunu ċerti li kellha issir u fil-fatt talbu sabiex ikollhom aċċess għar-rapporti mediċi.

3.3 **Klejm għal danni soffruti fuq vettura mingħand is-Sur Nazzareno Ciantar fuq il-vettura tiegħu (35/0639/15/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv beda billi qal għandna klejm oħra fi Triq tal-Limiti ta' Mozz fejn is-Sur Ciantar qiegħed jgħid li ħa skoss kbir u ġarrab ħsarat fil-vettura tiegħu.

Sar qbil unanimu illi jingħata s-somma ta' €89.00 ekwivalenti għall 70% fuq is-somma globali .

3.4 **Korrispondenza mill-MTA rigward il-Fajtata Beach Management (35/0543/15/I):**

Is-Sindku beda billi qal illi saret laqgħa mar-rapprezentanti tal-MTA fejn ġiet diskuss il-Bajja San Tumas fosthom il-parti tal-Fajtata fejn qalu illi l-istruttura li qeda tintuza bħala diving board trid titneħħa peress illi hija ta periklu u minfloka issir spring board fuq il-blat kif ukoll sellum.

Is-Segretarju Ezekuttiv żied jgħid illi ser issir anke clinic biex eventwalment din il-bajja tiġi blue flag beach.

Il-Kunsillier is-Sur John Camilleri qal illi hu ma jaqbilx illi għandha titneħħa l-istruttura minn fejn jaqbzu tal-Fajtata.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ser ikun hemm ukoll zewġ lifeguards.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li hu ma jaqbilx li titneħħa r-rampa tal-fajtata biex il-bajja issir blue flag beach.

Is-Sindku qal illi l-MTA qalulna illi la darba din hija struttura ta' periklu għaliex anke kien hemm rapporti ta' nies illi weġġaw ma jistgħux iħalluha hemmhekk u biex il-bajja tkun tista tilħaq l-grad ta' blue flag kollox irrid ikun up to standard.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi la darba l-MTA iridu li titneħħa il-qobża l-fajtata għandhom ikunu huma li jifinanzjawa l-ispringboard.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq il-punt imniżżel fl-email mibgħuta mill-MTA fejn jitkellem fuq applikazzjonijiet ġewwa l-MEPA.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dik kienet l-aktar immirata biex jkollna permess mill-MEPA sabiex titneħħa l-fajtata pero permess għaliha qatt ma kien hemm allura m'hemmx għalfejn permess biex titneħħa.

Is-Sindku qal illi din tkun l-ewwel bajja fin-naħa tas-South li tkun status beach li eventwalment tiġi blue flag beach u tkun xi ħaġa ta ġid għal lokal tagħna.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qali illi jekk il-bajja tiġi blue flag dan ikun ta privileġġ għall-Marsaskala.

Il-Kunsillier is-Sur John Camilleri u l-Viċi Sindku qal illi għalkemm kontra qalbu li titneħħa l-fajtata hu jaqbel illi l-bajja eventwalment ikollha status ta' blue flag.

Kien hemm qbil unanimu la ma staqsiex noqtomlu mal titwor.

3.5 **Applikazzjoni biex jinbena kjosk ġdid biswit il-parkeġġ tal-Fajtata (35/0543/15/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi daħlet applikazzjoni ġewwa l-MEPA sabiex isir kiosk fil-kantuniera, faċċata tal-parking area fiz-zona tal-Fajtata.

Is-Sindku qal illi fil-leġislatura preċedenti l-Kunsill kellu policy li ġiet diskussa bejn il-Kunsilliera illi ma jsirux aktar kiosks ġewwa Marsaskala.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard staqsiet illi jekk ser noġezzjonaw fuq liema bazi ser ngħamlu dan.

Is-Sindku qal illi għandna noġezzjonaw fuq il-policy li tkellem fuqha diġa.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi din il-policy ma saritx fi żmien li kien Kunsillier hu. Kompla jgħid illi fir-ramla hemm ħafna gabbani.

Is-Sindku qal illi hemm wieħed tal-ġelat, kompla jgħid illi hu kemm il-darba kienu jkellmuh nies bil-ħsieb li jiftħu xi tip ta kiosk u hu dejjem qalilhom li l-Kunsill għandu policy illi ma japprova l-ebda gabbana oħra.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-unika żewġ gabbani li hawn f'Marsaskala kienu ġa eżistenti qabel ma huma kienu fil-Kunsill, għalhekk hu ma jaqbilx li nkomplu nżidu oħrajn.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jekk irridu nżommu mal-policy għandna nżommu l-istess policy anke fil-każ tal-gabbana l-oħra.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard qalet illi l-Kunsill dejjem saħaq illi għandna nissaportjaw in-negozzji ġewwa l-lokal tagħna, u issa daħlet applikazzjoni għal kiosk u lanqas biss irridu nevalwawa, b'hekk tħoss li qiegħdin iwaqqgħu l-kelma tagħhom stess.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-ewwel interess dejjem kienu u għandu jibqa dak li nipproteġu r-residenti ta' Marsaskala.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu jħoss li bħala Kunsill għandna nevalwaw anke il-fatt jekk hux ser tkun viżwali għar-residenti li joqgħodu fil-vilel.

Is-Sindku qal illi l-area ta fejn hu maħsub li jsir il-kiosk hija Villa area u jkollna diversi lmenti min naħa tagħna ukoll kompla jgħid li qatt ma ra notice of application mill-MEPA.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi aħna bħala Kunsill għandna leħen għaliex għalhekk qiegħdin hawn u għalhekk għandna nieħdu deċizzjoni anke biex ma noħolqux preċedent, hu kompla jgħid illi hu lanqas il-gabbani eżistenti ma jaqbel magħhom aħseb u ara ma oħrajn ġodda dan għaliex iħoss li hawn biżżejjed ristoranti ġewwa Marsaskala u bħal ma jaf kulħadd il-gabbani joħolqu ħafna problemi li ma tisgħax issib tarf tagħhom, fosthom il-problema ta' mwejjed u siġġijiet.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi hu ma jaqbilx la li ssir din il-gabbana u l-ebda gabbana oħra apparti dawk li jarmaw għal festi.

Is-Sindku ressaq mozzjoni b'urġenza hekk kif ġej:

*"Is-Sindku jipproponi illi ma jaqbilx ma din l-applikazzjoni ta' gabbana fissa u dan apparti li hemm Villa area, qabel din l-applikazzjoni kellmuh għexieren ta' nies u peress illi fil-leġislatura preċedenti kien sar ftehim li gabbani ta din ix-xorta ma jiġux ikkunisdrati."*

Din il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier is-Sur John Camilleri.

Il-votazzjoni ittieħdet kif ġej:

Favur : Is-Sindku s-Sur Mario Calleja
Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri
Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt
Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri
Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar
Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud

Kontra: il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar

Astjena: Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard

***Din il-mozzjoni ġiet 6 favur 1 kontra u 1 astjena għaldaqstant din il-mozzjoni għaddiet.***

3.6 **Tender dwar id-dwal tat-toroq maħruġ mill-Kumitat Konġunt (35/0461/15/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill Lokali taż-Żejtun bgħatilna r-rati attwali in comparison ta bejn it-tender ta' 2005 u dawk li qiegħdin fit-tender prezenti maħruġa mil-Kumitat Konġunt magħmul mil-Kunsilli Lokali ta' Zabbar, Zejtun,Marsaskala u zewġ Kunsill oħra.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu attenda kull laqgħa illi kellhom pero dawn ir-rati ma kienx rahom qabel, pero jidher li huma tajbin u ma hemmx xi differenza fl-għoli tal-prezzijiet.

Sar qbil unanimu fuq ir-rati il-ġodda.

3.7 **Dwal ornamentali:**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi għadhom kemm waslu id-dwal ornamentali illi għandhom jitwaħħlu fi Triq La Sengle pero minħabba li kif ġew imkejjla id-distanzi bejn il-każin tal-labour u dak tal-pjazza kien ser ikun hemm dawl nieqes b'hekk hemm bżonn ta ħames lampi ornamentali u mhux erba.

Sar qbil unanimu sabiex jinxtraw ħames globi minflok erba.

3.8 **E-mail mill-Kumitat konsultattiv biex naħtru rapprezentant fi ħdan is-Southeast Heritage Working Group (35/0582/15/I):**

Is-Segretarju Eekuttiv beda billi qal illi rċivejna email mingħand il-Kunsill konsultattiv fejn qed jitolbuna sabiex naħtru persuna biex tieħu ħsieb il-parti tal-Heritage.

Il-Kunsill qabel li r-rappreżentant fi ħdan is-Southeast Heritage Working Group ikun il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri.

3.9 **Laqgħa mar-rapprezentanti tal-FTS rigward il-proposta li tinbena skola primarja ġdida oħra f'Marsaskala:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi kellna laqħa mall-FTS rigward l-iskola ġdida li ser tiġi mibnijja ġewwa Triq il-Lampuka bħala estenzjoni tal-iskola prezenti u li għandhom isibu il-minuti rigward dan il-progett u x'ġie diskuss waqt il-laqgħa.

3.10 **Rigward il-kaz tas-Sinjura Wollard fi Triq il-Bidni:**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi s-sinjura Wollard qeda tikklejmja l-affarijiet kollha li ma ġewx koperti mill-polza tal-assigurazzjoni tagħha li jammontaw għall- €482.00

Il-Kunsill qabel illi tingħata l-ammont ta' €337.40 tal-ammont mitlub ekwivalenti għal 70%.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa rigward pagament #2304 għaliex jidher li d-diskrizzjoni qeda mniżżla ħazin.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien hemm xi żball fl-ispjegazzjoni tal-pagamenti u ġiet irranġata dak il-ħin.

**Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar ipproponiet l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard issekondat.**

**Il-Kunsill approva unanimament.**

6.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

7.0 ***Mozzjonijiet:***

7.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John B Camilleri (#088 – 2/2/15):**

*"Jipproponi sabiex li nagħmlu 2 bozzoz ġodda fid-Daħla ta' San Tumas."*

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

7.2 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John B Camilleri (#089 – 6/2/15):**

*"Jipproponi sabiex nagħmlu bozza fi Triq ta' Rumi."*

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

7.3 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John B Camilleri (#090 – 18/2/15):**

*"Jipproponi sabiex nagħmlu bozza fi Triq il-Melħ."*

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

7.4 **Mozzjoni mressqa b'urġenza mill-Kunsillier- is-Sur John B Camilleri (#091 ):**

*"Jipproponi sabiex nagħmlu bozza fi Triq ir-Ridott."*

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

8.0 ***Informazzjoni mill-Kunsilliera:***

Il-Kunsillier is-Sur John Camilleri qal illi rigward id-dwal tal-palm hu kejjel id-distanza tal-Promenade min ħdejn il-Monument tad-douzelage tul Triq is-Salini sa ħdejn ir-rampa kif taqbez ic-Charian Residence, hu qal illi jekk inommu distanza ta bejn 20 u 25 metru bejn wiħed u ieħor skont l-eqreb palma ikun hemm bzonn 25 jew 26 waħda. Is-Sur Camilleri kompla jgħid illi fuq il-bridge ta' ħdejn il-monument hemm 8 pamiet li qiegħdin tnejn tnejn ħdejn xulxin fejn hu qed jissuġerixxi illi jsiru 4 minnhom bid-dwal dawk tan-naħa tat-triq, biex b'hekk jidhru sew kemm minn ikun qed isuq ġej min liema direzzjoni ġej u anke min tul il-promenade.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi jkun aħjar jekk nagħmlu tan-naħa tal-baħar

Il-Kunsillier is-Sur John Camilleri qal illi in-naħa ta' ġewwa kif issuġerixxa hu jiġu bi dritt dawl tal-Promenade u jiġu ħafna isbaħ, ma dan kollu isuġerixxa li wieħed jara fuq il-post u nerġgħu niddiskutu.

9.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fl-21:30p.m. Il-laqgħa li jmiss ser ssir Nhar L-Erbgħa 11 ta' Marzu 2014 fis-6.00pm.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***~~Mario Calleja~~***
Sindku Desirée Attard